MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 477/2016 LM

**Sharon Grima (ID 105485M)**

***vs.***

**Maria Lorraine Portelli née Gatt (ID 476593M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2016 mill-attriċi **Sharon Grima** (K.I. Numru 105485M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar it-8 ta' Lulju, 2013 għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' fil-għaxija (5:45pm), filwaqt illi l-attriċi kienet miexja fi Triq il-Ġnien, Ħaż-Żabbar, hija ġiet milquta u mtajra minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCQ 946, liema inċident issuċċeda tort unikament tal-intimata minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tagħha;*

2. *Kawża ta' dan l-inċident awtomobilistiku l-attriċi weġġgħet gravi u kellha tittieħed għall-kura b'ambulanza fl-Isptar Mater Dei. Dan jirriżulta minn rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;*

3. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attriċi sofriet danni emerġenti prinċipalment konsistenti fl-ispejjeż li nkorriet u għadha tinkorri għall-kura tagħha u telf ta' lukru minħabba d-diżabilità permanenti fiżika ta' sebgħa fil-mija (7%) u d-diżabilità permanenti psikoloġika ta' sebgħa fil-mija (7%)*[1] *u dan kif jirriżulta minn żewġ (2) rapporti mediċi rilaxxjati mill-konsulent mediku Dr Anthony Galea Debono u mill-konsulent psikjatriku Dr Etienne Muscat, hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok. C;*

4. *Illi l-konvenuta ġiet interpellata permezz ta' żewġ (2) ittri uffiċjali datati 14 ta' Marzu, 2014 (804/2014) u d-19 ta' Jannar, 2016 (182/2016) sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnha hekk ikkaġunati, hija rrifjutat kwalunkwe responsabbilità għall-inċident de quo, u għalhekk kellha ssir din il-kawża. Kopji tal-ittri uffiċjali qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati Dok. D u Dok. E rispettivament.*

*Tgħid għalhekk il-konvenuta għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara illi l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident de quo tat-8 ta' Lulju, 2013 li seħħ għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' fil-għaxija (5:45pm), ġewwa Triq il-Ġnien, Ħaż-Żabbar, u li kawża tiegħu l-attriċi sofriet ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha, minħabba negliġenza, imperizja, u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;;*

2. *Tiddikjara illi l-konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attriċi inkluż debilità permanenti fuq il-persuna tagħha;*

3. *Tillikwida l-istess danni kemm ta' natura damnum emergens kif ukoll ta' natura lucrum cessans sofferti mill-attriċi occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.*

*Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż ta' din il-kawża inkluż taż-żewġ ittri uffiċjali hawn imsemmija kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.*

[1] Kif korrett b'digret tas-26 ta' Settembru, 2016.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Maria Lorraine Portelli née Gatt** (ID numru 476953M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fil-11 ta' Lulju, 2016, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

*1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi, u dan stante illi l-eċċipjenti b'ebda mod ma hi responsabbli għal ebda danni allegati mill-attriċi;*

*2. Illi pjuttost, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kwalunkwe ġrieħi allegatament sofferti mill-attriċi seħħew biss u unikament minħabba negliġenza, imperizja, non-kuranza, u/jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess attriċi;*

*3. Illi, konsegwentement, ma hemm ebda danni li għandhom jiġu likwidati u li l-eċċipjenti għandha tiġu kkundannata tħallas lill-attriċi;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi għandha ġġib l-aħjar prova tad-danni kollha allegati minnha sal-grad rikjest mil-Liġi, inkluż in-ness mal-inċident de quo.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Frar, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fit-8 ta' Lulju, 2013 l-attriċi sfat imtajra minn vettura misjuqa mill-konvenuta u konsegwenza t'hekk hija tikkontendi li sofriet debilitajiet permanenti kemm fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi. L-attriċi, permezz tal-kawża odjerna qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli għall-akkadut minħabba sewqan b'negliġenza, b'imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u għalhekk qiegħda titlob lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha u tikkundanna lilll-konvenuta għall-ħlas tal-istess.

Il-konvenuta min-naħa l-oħra wieġbet li hija mhix responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u li kuntrarjament għal dak allegat mill-attriċi, kienet l-attriċi li qasmet it-triq b'mod negliġenti u mingħajr ma osservat ir-regolamenti tat-traffiku. Il-konvenuta ssostni li hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-akkadut u m'għandhiex tiġi kkundannata sabiex tħallas danni, anki billi għamlet riferiment għall-fatt li hija ġiet liberata fil-proċeduri kriminali li kien hemm fil-konfront tagħha.

**Provi u riżultanzi**

Il-Qorti kkunsidrat il-provi kollha li tressqu mill-partijiet. L-attriċi, kontestwalment mar-rikors maħluf imressaq minnha, ippreżentat kopja tar-

rapport tal-Pulizija[2], fejn ġie kkonstatat illi l-inċident inkwistjoni kien seħħ fit-8 ta' Lulju, 2013 għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija, ġewwa Garden Road, Ħaż-Żabbar. Meta l-Pulizija waslu fuq il-post, l-attriċi kienet għadha fl-art, u kienet qiegħda tingħata l-ewwel għajnuna, sakemm ftit wara waslet l-ambulanza u l-attriċi ttieħdet l-Isptar għall-kura.

Ġiet esebita ukoll kopja ta' rapport mediku redatt min-neuroloġista **Dr Anthony Galea Debono**[3], li eżamina lill-attriċi fis-17 ta' Ottubru, 2014, u li rrelata, minn dak li qaltlu l-attriċi, li hi ma tiftakar xejn mill-inċident, u li ma tiftakarx li kienet ittieħdet l-Isptar ftit wara li ttajret minn vettura. L-attriċi nżammet l-Isptar għal 24 siegħa, u wara ġiet rilaxxjata, għalkemm b'kollox damet tliet ġimgħat ma tmurx xogħol u għamlet ġimagħtejn oħra taħdem b'sigħat imnaqqsa. Ftit wara l-inċident l-attriċi bdiet issofri minn uġigħ f'rasha, u għalkemm il-kundizzjoni tagħha tjiebet wara xi żmien, kienet ilha sena ssofri minn uġigħ ta' rasijiet tal-istess severità, frekwenza u tul ta' żmien. Fil-fatt il-konsulent mediku kkonstata li l-attriċi ssofri minn uġigħ f'rasha kważi kuljum, u li għal madwar tlett iljieli fil-ġimgħa jkollha wġigħ sever u persistenti, kif ukoll uġigħ f'għonqha meta tiġi biex iddawwar rasha. L-espert mediku *ex parte* kkonstata li dan l-uġigħ hu mistenni li jkun ta' natura permanenti u dan ladarba wara li għaddew xhur mill-inċident, l-attriċi kienet għadha tbati l-konsegwenzi tiegħu. Dr Galea Debono stabbilixxa wkoll li l-attriċi qiegħda ssofri minn sindromu post-konkussjonali u li dan ħolqilha diżabilità permanenti ta' 2%. Ġie kkonstat ukoll fir-rapport ta' Dr Galea Debono li l-attriċi għandha leżjonijiet fl-għadam, fid-diski jew fil-ligamenti, u li dawn

[2] *A fol.* 5 tal-proċess.
[3] *A fol.* 11 tal-proċess.

ħolqulha diżabilità permanenti ta' 5%. Dr Anthony Galea Debono kkonkluda li l-attriċi sofriet diżabilità permanenti totali fil-grad ta' 7%.

L-attriċi esebiet ukoll kopja ta' rapport mediku redatt mill-psikjatra **Dr Etienne Muscat**[4], wara li din ġiet riferuta lilu mit-tabib kuranti tagħha, li kkonstata, minn dak li qaltlu l-attriċi, li b'konsegwenza tal-inċident hija sofriet minn tibdil fil-personalità tagħha u tibdil fl-istat emottiv tagħha, ma baqgħetx ferrieħija kif kienet, biddlet ir-rutina tagħha ta' kuljum, qiegħda ssofri minn uġigħ f'rasha, ilkoll fatturi li wassluha biex qiegħda tbati minn dipressjoni u sens ta' disperament. L-espert psikjatriku kkonkluda, minn dak li seta' jevalwa, li kawża tal-inċident, l-attriċi bdiet issofri minn dipressjoni bħala reazzjoni emozzjonali għall-inċident li kellha. Irriżulta wkoll li minkejja l-kura medika li ngħatat, din baqgħet tbati minn diversi sintomi ta' *post-traumatic anxio-depressive disorder*:

> *"... it is my opinion that Ms Grima is still suffering from a moderate Major Depressive Disorder, with marked somatic and anxiety symptoms, and that this is post-traumatic in nature, and also related to her feeling unable to regain her prior health, as well as to the multiple medical contacts and several pharmacological treatments she has had to take. ... I conclude that Ms Grima is suffering from a post-traumatic, persistent mood disorder (depressive state) that requires regular medical monitoring with sporadic specific drug treatment."*

L-eżami li għamel il-konsulent psikjatriku *ex parte* wasslu għall-konklużjoni li l-attriċi qiegħda wkoll issofri minn diżabilità psikoloġika permanenti fil-grad ta' 7%.

[4] *A fol.* 14 tal-proċess.

L-attriċi għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[5], fejn qalet li l-inċident inkwistjoni seħħ fit-8 ta' Lulju, 2013 waqt li hi kienet qiegħda timxi Ħaż-Żabbar. Wara li ħarset fuq ix-xellug u fuq il-lemin tagħha sabiex tara jekk it-triq kinitx vojta, hi qasmet it-triq bil-konsegwenza li sfat imtajra mill-vettura li kienet qiegħda ssuq il-konvenuta. L-attriċi qalet li ma tiftakar xejn dwar kif seħħ l-inċident u x'ġara wara sakemm ittieħdet l-Isptar, għalkemm intweriet ritratti fejn hi tidher mixħuta mal-art b'għadira demm ħdejha. Hi qalet li kif ġiet f'sensiha l-Isptar, bdiet tistaqsi lill-ġenituri tagħha x'kien ġralha, u dawn qalulha li kienet sfat imtajra minn karozza. Hi qalet li l-għada tal-inċident hi ntbagħtet id-dar, iżda kienet għadha mbenġla u kellha wġigħ kbir f'rasha u f'għonqha, fis-swaba' ta' jdejha u ta' saqajha, kif ukoll f'wiċċha u f'għajnejha. Hi qalet li l-punti li sarulha fil-kpiepel t'għajnejha bdew itellfuha. L-attriċi qalet li wara l-inċident bdiet tkun spiss ma tiflaħx u kienet tfalli x-xogħol. F'xi żmien ġiet avviċinata mid-diriġenti tal-fabbrika fejn taħdem u ġie suġġerit lilha li tnaqqas is-sigħat tax-xogħol, għalkemm wara ftit reġgħet bdiet taħdem *full-time* u naqqset l-*overtime.* L-attriċi kompliet tgħid li hi ta' sikwit tmur għand it-tabib tal-familja tagħha sabiex tingħata pilloli għall-uġigħ. Hija kompliet tgħid li darba minnhom, tant ma felħitx l-uġigħ aktar, "... kuljum kont inqum filgħodu nibki u nolfoq filwaqt li nżomm rasi u għonqi bl-uġigħ", li kienet qabdet kaxxa Paracetamol u belgħetha kollha. Kien wara dan l-episodju li l-attriċi ġiet riferuta għand il-psikjatra Etienne Muscat li ħejja r-rapport mediku dwar l-istat psikjatriku tagħha, kif ukoll għand Dr Galea Debono. L-attriċi xehdet li jkun hemm ġranet fejn tant tkun muġugħa li jkollha tilbes kullar ma' għonqha, u li minkejja li tkun muġugħa spiss, xorta waħda tmur ix-xogħol, għaliex jekk toqgħod tfalli spiss, tista' titkeċċa. L-attriċi qalet li hi żiedet ħafna fil-piż

[5] *A fol.* 38 tal-proċess.

minħabba fit-trattament li ħadet, kif ukoll minkejja l-mogħdija ta' kważi tliet snin minn wara l-inċident, baqgħet dejjem muġugħa, tant li issa qatgħet qalbha li xi darba ser jgħaddilha. L-attriċi kkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet: "Minn dakinhar tal-inċident, ħajti nqalbet ta' taħt fuq, inħossha li spiċċat."

L-attriċi esebiet ukoll għadd ta' dokumenti konsistenti f'kopji ta' rċevuti tad-danni materjali sostnuti minnha[6], u kopji tal-FS3s[7] għas-snin rilevanti. Kopji ta' irċevuti għal mediċini mixtrija mill-attriċi ġew esebiti wkoll fi stadju ulterjuri tal-kawża.[8]

Fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2016 xehed **Dr Anthony Galea Debono**[9], li kkonferma li l-attriċi kienet pazjenta tiegħu u kkonferma r-rapport redatt minnu fir-rigward tagħha, fejn ġie stabbilit li hi qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti ta' 7%. L-espert mediku *ex parte* kkonferma li l-attriċi qiegħda tbati minħabba żewġ affarijiet, il-*head injury* u l-fatt li kien hemm *concussion* wara l-impatt, u l-fatt li sussegwentement hi baqgħet tbati minn uġigħ ta' ras frekwenti, huwa indikattiv tal-fatt li saret ħsara fir-ras. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm dik li tissejjaħ *plush injury* fejn l-attriċi bdiet issofri minn uġigħ f'għonqha li beda jmur għal idejha, li hu riżultat ta' ħsara fil-ligamenti jew fid-*discs*.

Fl-istess udjenza xehdet **Norma Baldacchino** in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei[10], li esebiet kopja tal-file mediku tal-attriċi.[11]

[6] *A fol.* 53 sa fol. 130 tal-proċess.
[7] *A fol.* 131 sa fol. 136 tal-proċess.
[8] *A fol.* 299 sa fol. 302 tal-proċess, u *a fol.* 326 tal-proċess.
[9] *A fol.* 144 tal-proċess.
[10] A fol. 146 tal-proċess
[11] A fol. 147 sa fol. 237 tal-proċess

Il-familjari tal-attriċi wkoll għażlu li jixhdu bil-mezz tal-*affidavit*. Ommha **Margaret Grima**[12] xehdet illi dakinhar tal-inċident, hekk kif hi ġiet infurmata li bintha ttajret minn karozza, hi kienet marret l-Isptar fejn sabet lill-attriċi b'ħafna demm ma' wiċċha. Qalet li dak il-ħin l-attriċi ma kinitx taf la xi ġralha u bdiet tirrepeti l-istess affarijiet. Omm l-attriċi qalet li minn dakinhar tal-inċident, il-ħajja tal-familja tal-attriċi nbidlet kompletament, bl-attriċi tilmenta minn uġigħ ta' rasijiet, ġbid f'għonqha u wġigħ fil-kappell t'għajnejha, u konsegwenza ta' dan spiss ikollha tqatta' ħin fis-sodda fid-dlam. Hi qalet li l-attriċi qiegħda tieħu ħafna mediċini, u li dan kollu qiegħed jaffettwaha ħażin f'saħħitha tant li anki wġigħ fl-istonku qed ikollha.

Xehed ukoll **Francis Grima**[13] missier l-attriċi, li kkonferma li ħajjet l-attriċi nbidlet minn wara l-inċident. Hu qal li wara l-inċident bintu ttieħdet l-Isptar bl-ambulanza, u hemmhekk sarulha testijiet sabiex jaraw xi ġrieħi kellha f'rasha, u matul il-lejl kellha tiġi riferuta għand speċjalista tal-għajnejn sabiex sarulha punti fix-xfar t'għajnejha. Hu qal li l-attriċi għadha tbati minn uġigħ kbir f'rasha u li spiss ikollha tqatta' ħin fid-dlam wara li tirritorna mix-xogħol. Hu kkonferma li bintu sikwit ikollha tmur għand it-tabib, u tieħu ħafna mediċini.

Oħt l-attriċi, **Yvette Grima**[14], xehdet illi meta hi ġiet infurmata bl-inċident li kellha oħtha, hi kienet marret fuq il-post fejn sabet lil oħtha mal-art b'wiċċha kollu demm. Qalet li wara lejl l-Isptar oħtha ntbagħtet id-dar, għalkemm għamlet ħafna żmien ma tmurx ix-xogħol u bilkemm kienet toħroġ mid-dar ħlief biex tmur għand it-tobba. Ix-xhud ikkonfermat li minn wara l-inċident, oħtha baqgħet dejjem tilmenta minn uġigħ li jkollha f'għonqha, f'rasha u fil-

[12] *A fol.* 243 tal-proċess.
[13] *A fol.* 244 tal-proċess.
[14] *A fol.* 245 tal-proċess.

kappell t'għajnejha. Hi qalet ukoll li sikwit tmur id-dar u ssib lil oħtha f'kamra fid-dlam tibki bl-uġigħ, u li ħajjet oħtha nbidlet tant li din titkellem biss fuq uġigħ, tobba u mediċini.

Fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2016 xehed **Joseph Camilleri**[15], in rappreżentanza tas-soċjetà Baxter Limited, fejn hi impjegata l-attriċi, li ppreżenta kopji tal-FS3s tas-salarju tal-attriċi, kif ukoll dokumentazzjoni li turi s-salarju tal-attriċi kif ġie affettwat minħabba fl-assentejiżmu tagħha fis-snin ta' wara l-inċident.[16] Ix-xhud ikkonferma li fl-2013, is-sena li fiha seħħ l-inċident, l-attriċi ħadet ħafna *sick leave,* kemm dak bi ħlas, b'nofs il-ħlas, kif ukoll ħadet xi *unpaid sick leave.* Fl-2014 kien hemm żmien li fih l-attriċi tħallset biss nofs il-paga minħabba fl-ammont ta' *sick leave* li ħadet.

Fl-istess udjenza xehed **Joseph Saliba**[17], in rappreżentanza ta' *JobsPlus,* li kkonferma li mir-rekords uffiċjali jidher li l-attriċi kienet ilha impjegata ma' Baxter sa mis-sena 2004.

Xehed ukoll **Dr Stephen Spiteri**[18] li qal li l-attriċi hija pazjenta regolari tiegħu minn wara l-inċident, għalkemm ikkonferma li hu kien ilu tabib tagħha għal madwar ħmistax-il sena, u li din spiss tmur għandu b'sintomi ta' uġigħ ta' ras u wġigħ fil-muskoli ta' għonqha, tant li kemm-il darba ġiet riferuta għand speċjalisti. Muri xi riċetti li ffirma għalihom hu stess, ix-xhud ikkonferma li lill-attriċi kien itiha mediċini għall-uġigħ fil-muskoli u t-tbenġil, għall-uġigħ ta' ras, antibijotiċi u qtar tal-għajnejn.

[15] *A fol.* 246 tal-proċess.
[16] *A fol.* 256 *et seq* tal-proċess.
[17] *A fol.* 269 tal-proċess.
[18] *A fol.* 273 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet **WPS 261 Donna Frendo**[19], li qalet li dakinhar tal-inċident hi kienet xogħol fl-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, meta daħal rapport li kienet ittajret mara f'Garden Road, Ħaż-Żabbar stess. Ix-xhud ikkonfermat li ma kienx sar skizz tal-inċident minħabba li l-vettura li tajret lill-attriċi kienet ġiet imċaqalqa. Hi qalet ukoll li kienet segwiet lill-attriċi fl-Isptar, fejn ġiet infurmata li din kienet qiegħda ssofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa. Madanakollu aktar tard ġie stabbilit minn tobba li eżaminaw lill-attriċi, li din kienet qiegħda ssofri minn ġrieħi serji.

Permezz ta' nota esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri, l-attriċi esebiet skizz imħejji minnha li juri d-dinamika tal-inċident[20], bil-post fejn seħħ l-impatt bejn il-vettura u l-attriċi.

Fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 xehed **Dr David Cauchi**[21], li qal li wara l-inċident, l-attriċi kellha tbenġil jew qsim f'għajnejha tax-xellug, tant li sarulha xi punti biex tingħalaq il-ferita.

Xehed ukoll **Zak Despott**[22], persuna li waqaf fit-triq biex jagħti l-ewwel għajnuna lill-attriċi, u li qal li dak il-ħin tal-inċident hu kien sejjer lejn il-Kalkara, meta ra lill-attriċi mal-art bid-demm fuq wiċċha. Hu waqaf biex jagħti l-ewwel għajnuna. Ix-xhud ikkonferma li t-triq fejn seħħ l-inċident hija wiesgħa b'żewġ karreġġjati, u li hu lill-attriċi raha mal-art bejn il-linja ta' nofs il-karreġġjata u l-bankina.

[19] *A fol.* 277 tal-proċess.
[20] *A fol.* 303 tal-proċess.
[21] *A fol.* 304 tal-proċess.
[22] *A fol.* 308 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-5 ta' April, 2017, xehed **Dr Etienne Muscat**[23], li qal li l-attriċi kienet ġiet riferuta lilu minn tabib ieħor wara l-inċident awtomobilistiku li hija kellha. Hu qal li wasal għall-konklużjoni li l-attriċi sofriet diżabilità psikoloġika ta' 7% minħabba tibdil li hi sofriet fin-natural, fil-personalità u fl-imġiba tagħha wara l-inċident, u minħabba l-fatt li minkejja li għaddew tliet snin mill-inċident u minkejja l-kura li ngħatat, ħajjet l-attriċi għadha ma ġietx lura għan-normal. Ix-xhud qal li minn dak li seta' jikkonstata anki wara li tkellem mat-tabib kuranti tal-attriċi, illi kien hemm kambjament fl-imġiba tal-attriċi u li din kienet baqgħet "tbati".

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017, xehdet **Dr Janice Borg**[24], li qalet li r-ritratti mmarkati SG2 *et seq* tal-proċess[25], kienet ħadithom hi madwar tliet snin wara l-inċident, u li l-indikazzjonijiet ta' fejn seħħ l-impatt u indikazzjonijiet oħra kienu ġew immarkati minnha u mill-attriċi li tat id-deskrizzjoni tagħha tad-dinamika tal-inċident.

Il-konvenuta **Maria Lorraine Portelli née Gatt** xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[26] u qalet li fit-8 ta' Lulju, 2013 hi kienet għaddejja minn Labour Road, fid-direzzjoni lejn 'Tal-Ħawlija' f'Ħaż-Żabbar, meta kellha bżonn tikser lejn ix-xellug sabiex tmur lejn Notre Dame Gate. Hi spjegat li din it-triq fiha żewġ karreġġjati, u li minn kull waħda jgħaddu żewġ vetturi fl-istess direzzjoni. Hi qalet li hi kienet wieqfa, qiegħda tistenna l-karozzi jduru mar-*roundabout* u li hekk kif ħarġet minn fuq *give way sign,* madwar 4 metri 'l bogħod mill-bidu tat-triq, hi sabet lill-attriċi qiegħda taqsam f'direzzjoni dijagonali, b'daharha lejha. Il-konvenuta qalet li minn fejn qasmet l-attriċi ma kien hemm ebda

[23] *A fol.* 317 tal-proċess.
[24] *A fol.* 322 tal-proċess.
[25] *A fol.* 51 u 52xxx tal-proċess.
[26] *A fol.* 329 tal-proċess.

*zebra crossing* jew *pedestrian crossing* bid-dawl, u li dik il-parti tat-triq hija perikoluża biex wieħed jaqsam minnha minħabba li hekk kif vettura ddur mal-liwja, issib lill-persuna ma' wiċċha. Il-konvenuta qalet li kif indunat bl-attriċi, hi ppruvat iddawwar l-i*steering* tal-karozza tagħha fid-direzzjoni l-opposta sabiex tevitaha, iżda ma rnexxilhiex, u li hekk kif seħħ l-impatt, il-konvenuta ħarġet mill-karozza tagħha u baqgħet fuq il-post sakemm waslu l-Pulizija u l-ambulanza.

Fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2017, xehdet Sharon Grima, l-attriċi, prodotta in kontroeżami[27], li qalet li fil-ħin tal-inċident hi kienet qiegħda fil-parti tat-triq li minn Labour Avenue tagħti għad-direzzjoni tal-Fgura. It-triq inkwistjoni, ġie stabbilit li fiha erba' karreġġjati, tnejn li jagħtu għall-Fgura, u tnejn li jagħtu għal Bormla. L-attriċi qalet li hi kienet ħarset tajjeb lejn id-direzzjoni minn fejn kienu ġejjin il-karozzi qabel qasmet it-triq, u li fil-ħin li seħħ l-inċident, hi kienet waħedha. L-attriċi kkonfermat li huma diversi l-konsegwenzi tal-inċident li hi għadha tħoss fuq bażi regolari, fosthom l-uġigħ fis-swaba', f'saqajha, f'wiċċha, l-uġigħ ta' ras u l-uġigħ f'għonqha, u li dan l-uġigħ kultant ikun akut tant li lanqas taħdem ma tkun tista'. Il-kontroeżami tal-attriċi kompla fl-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2017, fejn saru xi domandi dwar l-irċevuti ta' mediċini li tieħu l-attriċi, u din spjegat ir-raġunijiet li għalihom id-diversi mediċini hemmhekk indikati ġew preskritti lilha.

Fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2017, ittella' jixhed għal darb'oħra it-tabib Stephen Spiteri[28], li ġie mistoqsi dwar l-irċevuti u r-riċetti ta' diversi mediċini esebiti mill-attriċi, u r-raġuni li għaliha hi ngħatat dawn il-mediċini. Il-Qorti fehmet li dan l-eżami dettaljat sar minħabba li waqt il-ġbir tal-provi ġie

[27] *A fol.* 330 sa 333 u *a fol.* 337 sa 347 tal-proċess.
[28] *A fol.* 353 tal-proċess.

stabbilit li l-attriċi kienet tbati bi problemi tas-*sinusitis* qabel kellha dan l-inċident, u li d-difensur tal-konvenuta ried jistabbilixxi li l-irċevuti esebiti mill-attriċi huma kollha irċevuti għal mediċini li hi kellha tieħu b'rabta mal-inċident li kellha u l-konsegwenzi tiegħu, u mhux ma' xi kundizzjoni li hi setgħet kienet issofri minnha qabel l-inċident. Ix-xhud spjega illi:

> "Sharon meta ġiet għandi naturalment, l-uġigħ kien nofs in-naħa tal-wiċċ. Jiġifieri l-għajnejn, il-ġenb u anke imneħirha u jiena qed nagħmel din ir-*relation* għaliex jista' jkun ċertu perijodu jkun hemm dik li ngħidulha nefħa li tista' tobstructja iktar in-*nasal passages*. Allura żżid iċ-ċans ta' *sinusitis*."

Il-konvenuta esebiet ukoll kopja tal-atti tal-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tagħha[29], fejn jirriżulta li hi ġiet illiberata minn akkużi li saqet b'mod negliġenti, b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni.

Fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2018, sar il-kontroeżami tal-konvenuta Maria Lorraine Portelli née Gatt[30], li ntalbet tispjega d-dinamika tal-inċident b'aktar preċiżjoni milli kienet tat fl-*affidavit* tagħha. Hi spjegat li r-raġuni li għaliha ċaqalqet il-vettura tagħha kienet sabiex ma jibqgħux ostakolati ż-żewġ karreġġjati tat-triq, u dan minħabba li hi laqtet lill-attriċi bil-ġenb tal-karozza, bir-riżultat li l-attriċi spiċċat mal-art, filwaqt li fuq il-karreġġjata l-oħra kien hemm il-karozza tal-konvenuta. Il-konvenuta spjegat li hi laqtet lill-attriċi bil-fanal tax-xellug u li hekk kif seħħ l-impatt hi waqqfet il-karozza u ħarġet minnha. Sussegwentement hi ċaqalqet il-karozza tagħha sabiex ma jibqgħux imblukkati ż-żewġ karreġġjati tat-triq.

[29] *A fol.* 366 et seq tal-proċess.
[30] *A fol.* 383 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

L-ewwel konstatazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti hija dwar id-dinamika tal-inċident odjern, u dan sabiex jiġi stabbilit min mill-partijiet kien responsabbli għall-akkadut. L-attriċi tallega li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta. Il-konvenuta min-naħa l-oħra tgħid li l-inċident seħħ minħabba li kienet l-attriċi li ma osservatx ir-regolamenti tat-traffiku, u li għażlet li taqsam minn dik it-triq partikolari fejn m'hemmx *zebra crossing* jew dwal apposta, u f'linja dijagonali, b'mod li hi ma setgħetx taraha f'ħin li fih seta' jiġi evitat l-impatt. Xhieda okulari għal dan l-inċident ma jirriżultax li kien hemm, u għalhekk l-uniċi verżjonijiet li għandha l-Qorti dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident huma l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet. Jirriżulta wkoll li l-iskizz ippreżentat f'dawn il-proċeduri sar mill-attriċi madwar tliet snin wara l-inċident bl-użu ta' mapep imniżżlin minn *Google Earth*, u dan minħabba li meta fuq il-post tal-inċident waslu l-Pulizija, il-vettura li kkawżat l-inċident kienet diġà ġiet imċaqalqa sabiex ma jibqgħux imblukkati ż-żewġ karreġġjati f'dik in-naħa tat-triq, u għalhekk l-iskizz esebit ma jindikax bi preċiżjoni d-distanzi mill-bidu tat-triq, jekk kienx hemm marki tal-brejkijiet tal-vettura tal-konvenuta, il-punt preċiż li fih seħħ l-impatt, u fatturi oħra li solitu jgħinu lill-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Il-konvenuta xehdet li l-inċident seħħ eżattament wara li hi saqet minn fuq il-*give way sign* li hemm qabel hi lwiet lejn it-triq fejn seħħ l-inċident, u li madwar erba' metri wara l-liwja, hi sabet lill-attriċi ma' wiċċha li dak il-ħin kienet qiegħda taqsam it-triq. Kien hawnhekk li minkejja li ppruvat tiskapulaha, kien hemm l-impatt bejn il-vettura tal-konvenuta u l-attriċi, li sfat

imtajra. Jidher għalhekk li minkejja li l-konvenuta laħqet rat lill-attriċi taqsam it-triq ftit qabel l-impatt, tant li ppruvat iddawwar l-i*steering* fid-direzzjoni opposta biex tiskapulaha, xorta waħda seħħ l-impatt, u dan minħabba li r-reazzjoni tal-konvenuta ma kinitx f'waqqitha biżżejjed biex tevita l-inċident. Hu proprju minħabba fid-dettalji mogħtija dwar il-mument meta seħħ l-inċident odjern, li l-Qorti tħossha moralment konvinta li l-konvenuta ma żammitx il-*proper lookout* rikjest fit-triq, tant li indunat bl-attriċi taqsam it-triq meta kien tard wisq, u dan meta ġie stabbilit, kemm mill-iskizz li ppreżentat l-attriċi[31], kif ukoll minn dak li xehdet il-konvenuta, li l-inċident seħħ madwar erba' metri wara li l-konvenuta daret mal-liwja, u għalhekk kien messha indunat qabel b'persuna li kienet qiegħda taqsam it-triq. Huwa dover ta' kull sewwieq li jżomm *proper lookout* u jkun konxju ta' dak li jidher *in plain view* u għalhekk din il-Qorti tinsab konvinta, minn dak li semgħet li kien hemm element ta' negliġenza u ta' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Il-Qorti hawnhekk tħoss li jkun utli li tissellef minn dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvester Tabone *vs.* Carmen Abela**[32], fejn din il-Qorti, filwaqt li żammet id-distinzjoni bejn provi ta' natura kriminali u dawk f'sede ċivili, iċċitat minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Robert Brincat**[33], u qalet hekk:

> "Driver għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'pożizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-każ li fih driver jista' jkun eżentat mir-responsabbilità hu dak biss fejn il-pedestrian b'xi att inaspettat

[31] *A fol.* 303 tal-proċess.
[32] P.A., 25.11.2013.
[33] 22.11.2007.

u subitaneu jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu jkun qiegħed lid-driver f'pożizzjoni li anki bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment (App. Krim. **Pulizija *vs.* Carmel Mifsud** 26.06.1954)."

Sar riferiment wkoll għal sentenzi oħrajn, fejn ġie ritenut illi:

"… għalkemm il-pedestrian għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam." "Jekk il-pedestrian ikun negliġenti però, dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juża dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinħtieġ. Dana kollu jingħad dejjem sakemm ma tkunx ġiet mill-pedestrian kreata lid-driver, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evażiva." (App. Krim. **Pul. *vs.* J. Formosa**).

F'sentenzi oħra imbagħad ġew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitanea tavvera ruħha, eż: **'Meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konduċent, jew jagħmel xi moviment insolitu u inaspettat.'** (App. Krim. '**Pulizija *vs*. J. Thornton**' Kollezz. Vol. XLV p. iv. P. 920) jew meta pedestrian jinżel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċa għall-għarrieda minn wara xi car ieħor, jew li joħroġ minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaċċa għall-għarrieda u inaspettatament quddiem il-karozza (App. Krim. '**Il-Pulizija *vs.* Cassar Desain'**)."

Fis-sentenza appena ċċitata, il-Qorti għamlet riferiment saħansitra għal dak li qalet il-Corte di Cassazione fl-Italja fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn sewwieq jista' jeżimi ruħu minn kull responsabbilità għall-investiment ta' *pedestrian:*

"Il-Corte de Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d'Appello di Bologna stabbiliet Ii f'każijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' jirriżulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru s-segwenti kundizzjonijiet:

"*a) Che il conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilità di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

b) *Che i movimenti del pedone siano così rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di commune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

Il-Qorti kompliet tgħid:

Illi ġie ritenut mill-Qrati Tagħna li, '**Hu dover ta' driver to see what is in plain view**' (App. Krim. **Pulizija *vs.* Joseph Vella** – 10.08.1963), u li '**min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm 'a proper lookout'** (App. Krim. **Pulizija *vs.* J.M. Laferla** 17.06.1961), ***'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.'*** **(Newhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd. (1968))**."

Il-Qorti rreferiet ukoll għal sentenza oħra tal-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[34] fejn intqal illi:

"Driver ta' karozza għandu inegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm a proper lookout għall-vejikoli, pedestrians u road-users oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat 'ma għandux jintesa illi accident stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċirkostanzi oħra tal-mument … għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

[34] 21.05.1960.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* David Rigglesford**[35], ġie stabbilit illi:

> *"It is the duty of any driver of a vehicle on land – and equally of the person steering any kind of sea craft – to see what is in plain view (*App. Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** *– 10.08.1963), and if a person fails to see what should have been clearly visible, it means that he was not keeping a proper lookout* (App. Krim. **Pulizija *vs.* J.M. Laferla***, 17.06.1961)."*

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, il-Qorti tikkonkludi li fil-ħin tal-inċident, u minkejja li m'hemm l-ebda raġuni li għalfejn l-Qorti tqis li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'mod perikoluż, madanakollu ċertament jirriżulta li s-sewqan tagħha kien wieħed negliġenti, tant li naqset li tara persuna li kienet qiegħda taqsam it-triq, f'ħin meta kien għad hemm id-dawl tax-xemx, l-inċident seħħ fis-sitta neqsin ftit minuti ta' filgħaxija f'Lulju, u meta ma kien hemm xejn x'jostakolalha l-vista, ħlief għall-fatt li ta' bilfors li kien hemm diżattenzjoni da parti tagħha.

Hekk stabbilit l-element ta' responsabbilità għall-akkadut, jifdal li l-Qorti tiddeċiedi dwar il-*quantum* tad-danni. Id-danni materjali sofferti mill-attriċi jirriżultaw minn kopji ta' irċevuti ppreżentati minnha[36], u l-Qorti ser tagħmel riassunt ta' dawn l-irċevuti x'jirrappreżentaw, u l-ammonti pretiżi fihom kemm huma:

> €2.51 (St James Pharmacy)[37] u €9 vista tat-tabib[38], €5.10 (Kalkara Pharmacy)[39], €5.00 (Kalkara Pharmacy) u €10 vista tat-tabib[40], €5.88 (Kalkara Pharmacy) u €8 vista tat-tabib[41], €14.91 (Verdala Pharmacy)[42], €9 (Verdala Pharmacy)[43], €13.24 (Vittoriosa Pharmacy, li minnhom iridu jitnaqqsu €1.20 għax-xiri ta' oġġetti li ma jikkonsistux

[35] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 31.05.2007.
[36] *A fol.* 53 sa 130, *a fol.* 299 sa 302 u *a fol.* 326 tal-proċess.
[37] *A fol.* 53.
[38] *A fol.* 54.
[39] *A fol.* 55.
[40] *A fol.* 56.
[41] *A fol.* 57.
[42] *A fol.* 58.
[43] *A fol.* 59.

f'mediċini) u €9 vista tat-tabib[44], €5 (Kalkara Pharmacy) u €9 vista tat-tabib[45], €9.70 (Kalkara Pharmacy) u €8 vista tat-tabib[46], €5.10 (Vittoriosa Pharmacy) u €10 vista tat-tabib[47], €10.80 (Kalkara Pharmacy) u €12 vista tat-tabib[48], €13.61 (Verdala Pharmacy)[49], €2.40 (Kalkara Pharmacy) u €8 vista tat-tabib[50], €100 visti għand it-tabib Stephen Spiteri[51], €8.94 (Verdala Pharmacy) u €12 vista tat-tabib[52], €27.28 (Verdala Pharmacy)[53], €21.89 (Kalkara Pharmacy) u €9 vista tat-tabib[54], €21.89 (Verdala Pharmacy) u €7 vista tat-tabib[55], €15 (Kalkara Pharmacy) u €9 vista tat-tabib[56], €7.90 (Kalkara Pharmacy) u €8 vista tat-tabib[57], €21.89 (Kalkara Pharmacy) u €9 vista tat-tabib[58], €1.88 (Kalkara Pharmacy) u €9 vista tat-tabib[59], €10.36 (Kalkara Pharmacy) u €8 vista tat-tabib[60], €5.95 u €18.94 (Kalkara Pharmacy u €8 vista tat-tabib[61], €9 (Verdala Pharmacy)[62], €34.55 (Kalkara Pharmacy) u €10 vista tat-tabib[63], €5.70 (Kalkara Pharmacy), €42.70 (Kalkara Pharmacy) u €10 vista tat-tabib[64], €7.75 (Milia's Pharmacy)[65], €8.20 (Kalkara Pharmacy), €21.89 (Kalkara Pharmacy u €9 vista tat-tabib[66], €8.20 (Kalkara Pharmacy) u €9 vista tat-tabib[67], €31.37 (Kalkara Pharmacy) u €10 vista tat-tabib[68], €8.40 (Verdala Pharmacy)[69], €21.89 (Kalkara Pharmacy) u €9 vista tat-tabib[70], €12.18 (Kalkara Pharmacy) u €10 vista tat-tabib[71], €17.74 (St James Pharmacy) u €12 vista tat-tabib[72], €24.15 (Kalkara Pharmacy)[73], €19.92 (Verdala Pharmacy)[74], €7.25 (Brown's Pharma Limited) u €10 vista tat-tabib[75], €28.54 (Verdala Pharmacy)[76], €35 vista Saint James Hospital[77], €40 vista Saint James Hospital[78], €40

[44] A *fol.* 60.
[45] *A fol.* 61.
[46] *A fol.* 62.
[47] *A fol.* 63.
[48] *A fol.* 64.
[49] *A fol.* 65.
[50] *A fol.* 66.
[51] *A fol.* 67.
[52] *A fol.* 68.
[53] *A fol.* 69.
[54] *A fol.* 70.
[55] *A fol.* 71.
[56] *A fol.* 72.
[57] *A fol.* 73.
[58] *A fol.* 74.
[59] *A fol.* 75.
[60] *A fol.* 76.
[61] *A fol.* 77.
[62] *A fol.* 80.
[63] *A fol.* 81.
[64] *A fol.* 82.
[65] *A fol.* 83.
[66] *A fol.* 84.
[67] *A fol.* 86.
[68] *A fol.* 88.
[69] *A fol.* 89.
[70] *A fol.* 90.
[71] *A fol.* 92.
[72] *A fol.* 93.
[73] *A fol.* 94.
[74] *A fol.* 95.
[75] *A fol.* 96.
[76] *A fol.* 97.

konsulta ma' Mr Eric Farrugia[79], €60 vista Saint James Hospital[80], €65 vista Saint James Hospital[81], €70 vista Saint James Hospital[82], €80 vista Saint James Hospital[83], €70 vista Saint James Hospital[84], €70 vista Saint James Hospital[85], €60 vista Saint James Hospital[86], €60 vista Saint James Hospital[87], €70 vista Saint James Hospital[88], €120 vista Dr Etienne Muscat[89], €437 pariri għand l-avukat[90], €307.45 telf ta' nofs il-paga għaż-żmien li fih l-attriċi ħadet *sick leave on half pay* u €182 bonus annwali, €754.63 *sick leave on half pay,* filwaqt li l-*production bonus* li potenzjalment setgħet irċeviet għal dan iż-żmien mhux ser jiġi komputat għall-fini ta' danni materjali sofferti mill-attriċi. Irċevuti oħra li ġew ippreżentati sussegwentement juru €15.43 (Brown's Pharma Limited) u €10 vista tat-tabib[91], €14.95 (Brown's Pharma Limited) u €10 vista tat-tabib[92], €10 vista tat-tabib[93], €35.95 (Brown's Pharma Limited)[94], u €26.95 (Vittoriosa Pharmacy)[95].

It-total ta' dawn id-danni materjali għalhekk huwa ta' tlett elef, ħames mija u sebgħa u sittin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€3,567.76). Il-Qorti hi konvinta minn dak li semgħet bħala provi, li dawn kienu spejjeż u telf fid-dħul li l-attriċi inkorriet b'rabta mal-konsegwenzi diretti u indiretti li sofriet minħabba fl-inċident mertu tal-kawża.

Jifdal issa li jiġi likwidat il-*lucrum cessans* jew aħjar it-telf ta' qligħ futur kawża tal-inċident mertu tal-kawża. Mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet impjegata bħala *assembly operator* mas-soċjetà Baxter u li meta seħħ l-inċident inkwistjoni hija kellha 28 sena. L-esperti mediċi *ex parte* li invistawha u li r-

---

[77] *A fol.* 98.
[78] *A fol.* 99.
[79] *A fol.* 100.
[80] *A fol.* 101.
[81] *A fol.* 102.
[82] *A fol.* 103.
[83] *A fol.* 104.
[84] *A fol. 105.*
[85] *A fol.* 106.
[86] *A fol.* 107.
[87] *A fol.* 108.
[88] *A fol.* 109.
[89] *A fol.* 110.
[90] *A fol.* 112 sa fol. 117.
[91] *A fol.* 299.
[92] *A fol.* 300.
[93] *A fol.* 301.
[94] *A fol.* 302.
[95] *A fol.* 326.

rapporti mħejjija minnhom inġiebu bħala prova f'din il-kawża, irrelataw li l-attriċi sofriet debilità fiżika permanenti ta' 7% u debilità psikoloġika ta' 7%. La l-attriċi u lanqas il-konvenuta ma għamlu talba għall-ħatra ta' esperti mediċi mill-Qorti. Madankollu l-konvenuta ssottomettiet li meta tiġi biex tistabbilixxi l-grad ta' debilità permanenti li sofriet l-attriċi, il-Qorti għandha tieħu *weighted average* bejn iż-żewġ gradi ta' debilità ffissati indipendentement mill-esperti mediċi *ex parte*, sabiex tasal għall-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi. Naturalment dan intqal fl-isfond tal-fatt li dak li trid tiddetermina l-Qorti f'dan l-istadju huwa l-effett li l-konsegwenzi tal-inċident ġabu fuq il-ħajja lavorattiva futura tad-danneġġjata. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ġie stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services Ltd u Noel Micallef**[96], fejn sar riferiment għall-awtur **Guido Gentile** li fil-ktieb tiegħu '*Problemi insaliti nella valutazione del danno della persona*' (ediz 1951, pg. 296) jgħid:

> *"la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta della somma dei coefficienti delle singole lesioni, sebbene dan un coefficienti unico, rapportato, nel suo insiene, all'entità unitaria dell individuo."*

Il-Qorti fl-istess sentenza qalet ukoll li:

> "hu għalhekk li l-average irid jittieħed tal-perċentaġġi reali, dawk jiġifieri, li jirriflettu l-valur ta' menomazzjoni li (lill-attriċi) jillimitaha f'xogħolha."

Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, wieħed m'għandux jgħodd flimkien iż-żewġ rati ta' diżabilità permanenti hekk kif stabbiliti mill-esperti medici, iżda għandu jigi applikat dak magħruf bħala

[96] Q.A., 31.01.2014.

*"weighted average".* Meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabilità permanenti totali, din trid tigi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda presunzjoni *a priori* li l-multipliċità ta' feriti jiġu komputati komplessivament.[97] Bil-*"weighted average"* għandu jittieħed bilanċ tar-rizultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat.[98] Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġjat.[99]

Madankollu mill-ġurisprudenza nostrana, jidher li l-mod kif jinħadem il-*weighted average* jitħalla interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' dak li tqis li huwa xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ odjern jirriżulta li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni l-attriċi qiegħda ssofri kemm minn debilità permanenti fiżika ta' 7% u anki minn debilità permanenti psikoloġika ta' 7%. Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ jkun ġust li tiġi adottata bħala *weighted average* rata globali ta' diżabilità permanenti ta' 11%.

F'sentenza pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[100], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal tal-każ odjern:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler *vs.* Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa multiplier system, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud *vs.* Carlo**

[97] **Degiorgio *vs.* De Crema**, P.A., 28.01.2004, u **Josef Farrugia vs. Thomas Tanti**, P.A., 07.07.20014.
[98] **Cassar Pullicino noe et *vs.* Xuereb et,** P.A., 20.02.2009.
[99] **Frendo *vs.* Cachia**, P.A., 20.04.2009.
[100] P.A., 25.02.2016.

**Camilleri et'**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f''**Butler *vs.* Heard'**. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi' – '**Savona *vs.* Asphar',** Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi *vs.* Carmel Attard,** 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' ('**Francis Sultana *vs.* John Micallef et noe et',** Appell, 20.07.1994)."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Malcolm Cumbo *vs.* Malta Freeport Terminals Ltd**[101], il-Qorti stabbiliet illi:

"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[102] ġie stabbilit li:

"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja

[101] P.A., 30.06.2016.
[102] Q.A., 05.03.1986.

> lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life.
> ...
>
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attriċi kellha tmienja u għoxrin sena (28), u għalkemm il-*multiplier* m'għandux ikun strettament marbut mal-età tal-irtirar, il-Qorti tħoss li *multiplier* ta' 25[103], tenut kont li l-età tal-irtirar hi almenu dik ta' ħamsa u sittin (65) sena, hu ġust u adegwat fiċ-ċirkostanzi.

Mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti, jidher li fl-2012, is-sena immedjatament qabel dik li fiha seħħ l-inċident, l-attriċi kellha dħul nett ta' €15,135.40. Minn dak li jirriżulta mill-kopji tal-FS3s esebiti fil-proċess[104], is-sena ta' wara l-attriċi kellha introjtu li kien sostanzjalment inqas minn dan l-ammont, u dan minħabba l-ġranet li fihom hi ma setgħetx tmur xogħol u t-tnaqqis fil-paga li hi sofriet konsegwenza tal-inċident. Huwa minnu li għall-fini ta' telf materjali, il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tat-telf li sostniet l-attriċi fiż-żmien li fih ma setgħetx tmur xogħol u ser tiġi kkumpensata għal dak it-telf permezz tal-likwidazzjoni li saret tad-danni materjali sofferti minnha. Madanakollu l-paga bażika hija l-kejl li trid tieħu l-Qorti sabiex fuqha ssir komputazzjoni tat-telf

[103] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom (*a fol.* 407 tal-proċess) l-avukati difensuri tal-attriċi u l-avukat difensur tal-konvenuta (*a fol.* 430) jadottaw *multiplier* ta' 25.
[104] *A fol.* 275 *et seq.*

futur li persuna jista' jkollha, u għalhekk ikun aktar ġust u ekwu li bħala paga bażika tittieħed dik li l-aktar tqarreb is-sitwazzjoni li kienet tkun fiha l-attriċi li kieku ma kellhiex dan l-inċident. Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata medja tal-inflazzjoni[105] sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €16,951.65 (€15,135.40 + €18,767.90 / 2).

L-evolvuzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti f'komputazzjonijiet ta' din ix-xorta, dak li jitnaqqas 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment).* Spiss kien jiġri li f'każijiet li kienu jdumu jinstemgħu s-snin, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ is-sentenza qiegħda tingħata ftit aktar minn sentejn wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ta' din ix-xorta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe *vs.* Emanuel Xuereb pro et noe**[106], il-Qorti qalet hekk:

> "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal *lump sum payment* il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal lump sum payment jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."

[105] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.
[106] P.A., 05.10.1995.

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hi: €16,951.65 x 25 (multiplier) = €423,791.25 x 11% diżabilità = €46,617.04 - 20% (ħlas f'darba) = **€37,293.63**. Magħdud dan l-ammont mal-ammont ta' danni materjali sofferti mill-attriċi (€3,567.76), it-total ta' danni likwidati minn din il-Qorti huwa ta' **€40,861.40**.

<u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

**2. Tilqa' t-talbiet tal-attriċi, u tillikwida l-ammont dovut lill-attriċi bħala danni fis-somma ta' erbgħin elf, tmin mija u wieħed u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€40,861.40);**

**3. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-konvenuta.**

Moqrija.